**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 9 ta' Novembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**vs.**
**Marco Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Marco Bonnici ta' 21 sena, bin Joseph u Valentina nee' Vella, imwieled Pieta nhar id-29 ta' Gunju, 1985 u residenti 'Djar San Mikiel E-F, Triq il-Buskett (Tal-Virtu'), Rabat detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 336385M

Akkuzat:

Talli nhar is-7 ta' Marzu, 2007, xi hin wara l-5:30 ta' filghaxija, gewwa l-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq u/jew ippermetta li tigi misjuqa vettura li kienet fil-kustodja tieghu fuq membri tal-Korp tal-Pulizija u nies ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

Talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi, ha parti f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jghamlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma tkun giet imxewxa minn hadd in partikolari;

Talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz fuq vettura tal-marka Nissan Vanette bin-numru originali JAH 259;

Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni li jappartjeni vettura ohra tal-ghamla Nissan Vanetta bin-numru original JAH 259;

Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saq vettura ta' l-ghamla Nissan Vanette (bin-numru tar-registrazzjoni originali JAH 259), b'numru tar-registrazzjoni falz, meta din ma kienitx registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija jew Awtorita' Dwar it-Transport Pubbliku, u b'hekk ma kienitx koperta b'licenzja jew polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

U aktar talli nhar is-7 ta' Marzu 2007, xi hin wara l-5:30 ta' filghaxija, gewwa l-Belt Valletta, bhala l-persuna nkarigata mill-vettura Nissan Vanette bin-numru tar-registrazzjoni original JAH 259, halla l-imsemmija vettura wahidha bla ma ha prekawzjoni xierqa biex ma tigix

imcaqalqa sakemm dam nieqes jew halla l-imsemmija vettura wieqfa fi triq jew li tkun immaniggata b'mod li tkun ta' xkiel bla bzonn jew ta' xi inkonvenjent ghall-pubbliku;

Talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, b'manjiera perikoluza u b'manjiera bla kont;

Talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi dahal il-Belt Valletta msemmija bil-vettura l-ghamla Nissan Vanette (bin-numru ta' registrazzjoni originali JAH 259), minghajr ma kienet licenzjata ghal dik il-lokalita';

Talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi saq vettura (bin-numru tar-registrazzjoni originali JAH 259) kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita';

Talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita' tordna li l-imsemmi persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew li jkollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 12 ta' Novembru, 2007 (fol 109 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 41(1)(a), 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 91, 92, 95(1), 96, 97 u 98 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 68(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 189 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli, 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 15(1)(a)(b), 15(1A), 15(2), u 15(3), 27, 32, 53 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fir-regolamenti 3, 40, 41 u 79 ta' l-Avviz Legali 191 ta' l-2002 mahrug taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

(i) Fir-regolamenti 61 u 68 ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-1994 mahrug taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputat oggezzjona li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat kien sid ta' vettura Nissan Vanette ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni JAH 259, li giet formalment skrappjata fit-30 ta' Novembru 2006.[1] Fil-14 ta' Novembru 2006, l-imputat irregistra fuq ismu vettura Nissan Vanette ohra ta' kulur abjad, bin-numru ta' registrazzjoni LCA 454.

2. Fis-7 ta' Marzu 2007 fil-ghaxija, il-Federazzjoni Kaccaturi, Nassaba Konservazzjonisti (iktar il-quddiem imsejjha "FKNK") organizzat marc ta' protesta, li kellu jibda minn dak li kien *"Bieb il-Belt, jimxi tul Triq ir-Repubblika u jispicca fi Pjazza Regina (quddiem Cordina)",* u dan wara li avzjaw debitament lill-Kummissarju tal-Pulizija, li ma sabx oggezzjoni.[2]

3. Kien hemm ftehim verbali bejn FKNK u l-Pulizija li matul dan il-marc ma jidhlux vetturi.[3]

[1] Ara xhieda ta' Christopher Darmanin a fol. 49 *et seq.* tal-process.
[2] Ara Dok LF a fol. 74 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Lino Farrugia, segretarju tal-FKNK a fol. 71 tal-process u dik ta' Alfred Abela, dak iz-zmien Assistant Kummisarju a fol. 13 tal-process.

*4.* Alfred Abela, dak iz-zmien Assistent Kummissarju, xehed hekk: *"Xil-5.30pm tas-7 ta' Marzu bdiet il-protesta u f'daqqa wahda bdew dehlin il-vetturi minn City Gate. Jien pruvajt inzommhom. Quddiem kien hemm l-imputat b'van ahdar kollu kuluri u KNFK miktuba u bdejt nghidlu biex jieqaf. Ghall-ewwel ma riedx jieqaf, imbaghad ghidtlu narrestak u imbaghad f'daqqa wahda qabad u nizel mill-van u telaq 'l hemm u halla l-van f'nofs it-triq. Wara ftit konna jiena u xi tliet pulizija ohra, grupp ta' nies qabdu l-vann minn wara u imbuttawh ghal fuqna li kwazi anke pruvaw jwaqgghuna mal-art u konna se nispiccaw taht il-van."*[4]

*5.* L-Ispettur Anthony Portelli xehed li minn investigazzjoni li ghamel, il-vann li allegatament kien qed isuq l-imputat waqt il-protesta, kienet l-istess van, li l-imputat kien skrappja fit-30 ta' Novembru 2006, peress li n-numri tax-chassis u tal-magna kienu l-istess.[5]

6. Inoltre in-numru tal-licenzja tal-van li instaq il-Belt kien moghti, pero jidher li l-ahhar numru kien jidher in-numru "4". Il-van li kellu l-imputat meta gie arrestat kellu n-numru tar-registrazzjoni LCA 454, u ghalhekk l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat qala' in-numru tar-registrazzjoni minn fuq il-van li kellu, u wahhalhom fuq il-van l-antik li kien skrappja.[6]

7. Min-naha tieghu, l-imputat xehed li l-vann l-antik li kien skrappja kien bieghu. Hu jghid li dak in-nhar tal-protesta, kien ipparkja l-van tieghu il-Furjana u dahal bil-mixi il-Belt. Hu u diehel taht bieb il-Belt kien hemm xi karozzi armati fosthom vann camouflage li ghogbu u kien hemm post quddiem in-naha tax-xufier, u tela' fuqu. Imbaghad kien hemm xi pulizija li qallu biex jinzel u nizel mill-ewwel. Imbaghad dan il-van kienu imbuttawh in-nies. Hu ghamel xi ftit hin hemmhekk imbaghad nizel jisma' d-diskors tal-FKNK.

8. L-imputat cahad li kien jaf li l-vann kien tieghu, ghax xehed li l-vann skrappjat kien bieghu.

[4] Ara xhieda ta' Alfred Abela, Assistant Kummissarju a fol. 14 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-Ispettur Anthony Portelli a fol. 30 *et seq.* tal-process.
[6] Ara xhieda tal-Ispettur Anthony Portelli a fol. 31 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet fil-Meritu**

Qabel tikkonsidra l-meritu ta' din il-kawza, il-Qorti tixtieq taghmel xi osservazzjonijiet preliminari.

Fl-ewwel lok, il-Qorti se tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kinietx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li mill-verbali jirrizulta li fl-istadju tal-provi tad-difiza, id-difiza talbet li l-prosekuzzjoni tezebixxi l-filmati kollha li kellha tal-protesta u fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa erbatax (14)-il CD. Il-Qorti hatret lill-espert David Scicluna sabiex jaghmel kopji ta' dawn ic-CDs u l-kopji jinghataw lid-difiza.[7] Il-Qorti hatret ukoll espert fotografiku sabiex jiehu ritratti li tindikalu d-difiza minn dawn ic-CDs[8] u fil-fatt dawn ir-ritratti gew ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur u jinsabu fil-process.[9] Pero, probabbilment bi zvista, l-espert David Scicluna li ha l-erbatax (14)-il CD kif fuq inghad, qatt ma gie ingunt biex jipprezenta r-relazzjoni tieghu u jirritorna is-CD's, kif kellu jaghmel.[10] Konsegwentement dawn l-14-il CD ma humiex in atti u din il-Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni taghhom, izda setghet tieghu konjizzjoni biss tad-dsatax (19) ir-ritratt li gew estrapolati minnhom. Hemm ezebita biss CD b'filmat qasir li giet ipprezentata mill-Prosekuzzjoni fl-istadju tal-provi taghha.

Fir-rigward tal-mertu, din il-Qorti se tikkunsidra l-provi migjuba dwar kull imputazzjoni indikata fl-Artikoli kif indikat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali

*(a) Attentat ta' Offiza Gravi jew Gravissima fuq il-Persuna*

Mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Alfred Abela, l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud u PC 316 Lawrence Persiano jirrizulta li waqt li se tibda l-protesta, tfacca dan il-van – hadd mix-

[7] Ara verbal tal-24 ta' Gunju 2009 a fol. 114 tal-process.
[8] Ara verbal tas-26 ta' Novembru 2009 a fol. 122 tal-process.
[9] Ara fol. 123-126 tal-process.
[10] Ara risposta tal-Ufficjal Prosekutur a fol. 120 tal-process.

xhieda ma seta' jispjega kif – taht il-mina ta' bieb il-Belt misjuq mill-imputat. PC316 Lawrence Persiano xehed hekk: *"Hin minnhom l-AC tah ordni biex jieqaf. Huwa waqaf. Imbaghad kienu ser jergghu isuqu u qallu jekk issuq narrestak. Pero dan l-imputat nizel mill-van imbaghad u mar wara."*[11] L-istess xhud jispjega li l-istess nies li kienu dehlin ghad-dimostrazzjoni kienu mal-van u l-van kien miexi bil-mod bid-dimostranti madwaru sakemm f'Bieb il-Belt sabu lill-Pulizija u waqfu.

Skond l-istess tlett xhieda, wara li l-imputat nizel mill-van, il-folla bdiet timbotta l-vann ghal fuq il-Pulizija. Pero mill-filmat ezebit mill-istess Prosekuzzjoni[12] u mir-ritratti ezebiti, meta l-folla imbutat il-vann ghal fuq il-Pulizija, ma kien hemm hadd fis-seat tax-xufier u l-imputat ma jidher imkien.

Fix-xhieda tieghu l-imputat nnega li hu saq il-van, ghalkemm kien fis-seat tax-xufier, u li kienu n-nies li kienu qed jimbuttaw il-van. Il-Qorti hija tal-opinjoni li x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni hija aktar kredibbli, u l-imputat –ghall-inqas ghal xi hin - kien qed isuq il-van sakemm wasal hdejn Bieb il-Belt fejn waqqfuh il-Pulizija, u wara li waqfuh, obda l-ordnijiet tal-Pulizija u waqaf isuq, pero nizel minn fuqu u abbandunah. Fil-fatt minn wiehed mir-ritratti estrapolati mis-CDs[13] jidher car l-imputat fuq is-seat tax-xufier taht Bieb il-Belt u b'ragel miexi fil-genb tal-van b'idu ix-xellugija fuq il-van u idu il-leminija il-quddiem, f'moviment li jindika li qed iferrex in-nies biex jidhol il-van. Huwa sinifikanti li f'dan ir-ritratt, in-nies qieghdin bil-placards f'idejhom qieghdin kollha fil-genb tal-van, jew bil-wieqfa fil-van, u ma hemm hadd quddiem il-vann – indikazzjoni ohra li l-vann kien miexi l-quddiem.

Min-naha l-ohra, mill-provi prodotti, ma jirrizultax li l-imputat kien direttamentament involut, meta il-folla bdiet timbotta l-van ghal fuq il-Pulizija.

Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur jissottometti li meta l-imputat kien fil-vann, il-vann kien qed jigi imubattat mill-folla, u meta ra li ma setghax jobdi l-ordni tal-pulizija u jwaqqaf il-vann milli jkompli jimxi, nizel mill-vann u abbandunah. Din is-sottomissjoni mhix sorretta la mix-xhieda, u lanqas mill-filmat u mir-ritratti ezebiti, specjalment ir-ritratt fuq deskritt. Mill-provi prodotti jirrizulta li waqt li kien fis-sedil tax-xufier ma kien hemm hadd qed

[11] Ara fol. 27 tal-process.
[12] A fol. 53 tal-process.
[13] Li jifforma parti minn Dok AP a fol. 126 tal-process.

jimbotta l-vann – u fil-fatt il-Pulizija kollha xehdu li l-imputat obda l-ordni u waqaf isuq. Kien biss wara li hu abbanduna l-vann, u ma kien hemm hadd fis-sedil tax-xufier, li l-folla bdiet timbotta l-vann ghal fuq il-Pulizija.

Huwa veru li gie ppruvat li l-vann kien proprjeta tal-imputat, u ghalhekk hu kellu l-kustodja tieghu mhux biss bhala l-persuna li kien qed isuqu izda wkoll bhala s-sid. Ix-xhieda tal-imputat li ma kienx jaf li l-vann kien tieghu mhix wahda kredibbli. Hi wisq ko-incidenza li hu inzerta jsuq vann waqt protesta, li b'kumbinazzjoni kbira kien xi darba tieghu. L-imputat ma gab l-ebda prova oggettiva biex jissostanza x-xhieda tieghu li hu kien biegh il-vann skrappjat. Hu vera li mill-provi jirrizulta li l-vann skrappjat kien abjad, u l-vann involut fil-protesta kien mizbugh camoflouge – pero dan ma jfissirx li l-imputat ma kienx jaf li dak kien l-istess vann tieghu.

Min-naha l-ohra, mill-provi minn imkien ma irrizulta li meta l-imputat abbanduna l-vann, hu kellu l-intenzjoni li jhalli li l-vann jigi imbuttat minn nies ghal fuq il-pulizija u nies ohra. Il-probabbilita hi, li l-imputat abbanduna l-vann ghax kien frustrat li ma setghax ikompli jsuq il-vann.

Ghaldaqstant, l-imputat mhux kriminalment responsabbli ghal dak li ghazlu li jaghmlu terzi persuni mill-vann, wara li hu abbandunah, ghax ma giex ippruvat l-imputat abbanduna l-vann bl-intenzjoni li l-folla timbuttah ghal fuq il-pulizija u n-nies li nzertaw madwarhom, bl-intenzjoni cara li ghal tal-inqas jikkagunawlhom ferita gravi. Fortunatament ma wegga' hadd.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali din l-imputazzjoni.

*(b) Inguriji, Theddid u Vjolenza kontra Ufficjali tal-Pulizija*

Kif inghad iktar il-fuq, jirrizulta li meta l-Assistent Kummissarju ordna lill-imputat biex jieqaf isuq, anke jekk kellu jheddu li fin-nuqqas jarrestah, l-imputat obda. Hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jghid li l-imputat ingurja, hedded jew irrezista l-ordnijiet tal-Assistent Kummissarju. Anzi l-imputat nizel mill-van u telaq 'l hemm - ghalkemm kif diga inghad, ghamel hazin li ghamel hekk.

Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat ha sehem dirett flimkien mal-folla biex jimbotta l-van ghal fuq il-Pulizija.

Ghaldaqstant din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*(c) Ir-Reat li ha sehem f'gemgha ta' nies ta' ghaxra jew aktar biex jaghmel reat*

Fil-ktieb tieghu **Notes on Criminal Law**, **Prof. Anthony Mamo** jghid hekk *"For a conviction of this crime, it is essential that the defendant should be proved to have taken an active part in the assembly by word, deed or conduct."*[14]

Issa kif jirrizulta mill-provi, dan l-incident sehh fil-kuntest ta' protesta legalment organizzata mill-FKNK, li fiha attendew mijiet ta' nies. Jirrizulta li hin minnhom – precizament wara li l-imputat abbanduna l-vann – numru ta' ghaxra jew aktar minn dawn in-nies inghaqdu flimkien u ftiehmu li jippruvaw iweggghu principalment lill-Pulizija billi jimbuttaw il-vann ghal fuqhom. Pero kif diga inghad mill-provi prodotti, ma jirrizultax li l-imputat kien prezenti jew li b'xi mod ha parti attiva, ma din il-gemgha ta' nies sabiex jikkomettu dan ir-reat.

Konsegwentement, lanqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*(d) Dikjarazzjoni jew Ghoti ta' Taghrif Falz lil Awtorita Pubblika*

Mill-provi minn imkien ma irrizulta li l-imputat ghamel xi dikjarazzjoni jew ta xi taghrif falz lil awtorita pubblika. Jekk il-Prosekuzzjoni, f'din l-imputazzjoni qed tirreferi ghall-allegazzjoni taghha li l-imputat qala' l-pjanci tar-registrazzjoni tal-vann tieghu u wahhalhom fuq il-vann in kwistjoni, li kien gie skrappjat, imbaghad ghatta n-numri, din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod pruvata mill-Pulizija. Il-Pulizija la ezebew fizikament jew ghall-inqas permezz ta' ritratti il-pjanci tar-registrazzjoni li kellu fuqu il-vann in kwistjoni u lanqas gabu xi prova li l-van tal-imputat kellu l-pjanci neqsin.

[14] Part II Fol. 17.

Jekk din l-imputazzjoni qed tirreferi ghall-allegazzjoni li l-imputat wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz fuq il-vann in kwisjoni, fl-ewwel lok kif diga inghad ma gie bl-ebda mod pruvat x'kienu l-pjanci ta' registrazzjoni fuq il-vann in kwistjoni u wisq inqas li kienu foloz.

Fid-dawl tas-suespost, din l-imputazzjoni certament ma gietx pruvata.

*(e) Falsifikazzjoni u Uzu ta' Dokumenti Foloz*

Ghal darb'ohra din l-imputazzjoni ma giet bl-ebda mod pruvata.

*(f) Uzu ta' Vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni*

L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi *inter alia* hekk:

*"(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża ... ... vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu ... ... ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

*(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)."*

Ghalhekk, la darba l-imputat kien akkuzat li saq vettura minghajr polza ta' assigurazzjoni, kien jinkombi lilu li jressaq provi biex jipprova li fil-fatt dak il-vann kien kopert b'certifikat tal-assigurazzjoni kif jesigi il-Kapitolu 104.

L-imputat din il-prova ma ghamiliex.

Konsegwentement, din l-imputazzjoni giet ippruvata skond il-ligi.

*(g) Diversi reati kontemplati taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta*

L-ewwel imputazzjoni taht dan il-Kapitolu hija ksur tal-Artikolu 15(1)(a), li jippreskrivi *inter alia* hekk: *"isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura*

*bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż … … "*

Ma ngabet l-ebda prova li l-imputat m'ghandux licenzja tas-sewqan, u ghalhekk din il-parti ta' dan l-artikolu ma gietx pruvata.

Pero gie pruvat li l-vann in kwistjoni kien skrappjat u konsegwentement ma kellux licenzja. Ghalhekk din il-parti tal-Artikolu 15(1)(a) giet pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Min-naha l-ohra, ma giex pruvat li l-imputat kien qed isuq b'mod traskurat jew b'mod perikoluz, izda kien qed isuq b'mod galbat u bil-mod qalb il-nies li kienu imdawwrin mieghu. Ghalhekk din il-parti tal-Artikolu 15(1)(a) ma gietx pruvata.

It-tieni imputazzjoni taht il-Kapitolu 65 hija li l-imputat ghamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità lil van bi ksur tal-Artikolu 15 (1A). Dan il-vann kien skrappjat u ghalhekk ma kellux numru ta' registrazzjoni moghti mill-awtorita kompetenti u pjanci tar-registrazzjoni. Mir-ritratt ezebit a fol. 57 tal-process, jirrizulta li dan il-vann kellu pjanci tar-registrazzjoni imwahhlin, imma n-numri gew mohbija, hlief l-ahhar wiehed – in-numru 4. Pero, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda forma ta' prova li kien l-imputat li wahhal il-pjanci tar-registrazzjoni mal-van. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

It-tielet imputazzjoni taht il-Kapitolu 65 hija li l-imputat, bhala sid jew sewwieq ta' vettura għatta jew ħalla lil min jgħatti għall-għajnejn tan-nies jew ibiddel jew iħalli li jiġi mibdul in-numru mogħti mill-Awtorità u li jkun imwaħħal bi pjanċi fuq il-vettura, bi ksur tal-Artikolu 27. La darba din il-vettura kienet giet skrappjata, hija ma kellix numru ta' registrazzjoni u lanqas pjanci skond il-ligi. Konsegwentement, dan ir-reat ma jistghax jissussisti, ghaliex ghalkemm mir-ritratt fuq imsemmi jirrizulta li kien hemm pjanci imwahhlin mal-vann li n-numri fuqhom gew mohbija, dawk il-pjanci certament ma kienux legalment ta' dak il-vann. Ghalhekk, dan ir-reat ma gietx ppruvat.

(h) *Ksur tar-Regolament 3 tal-Avviz Legali 191 tal-2002 mahrug taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta (L.S.65.18)*

Ir-Regolament 3 tal-Avviz Legali 191/2002 (L.S.65.18) jesigi li persuna irid ikollha licenzja tas-sewqan biex issuq vettura bil-mutur. Ma tressqet l-ebda prova, li l-imputat m'ghandux licenzja tas-sewqan, u konsegwentement din l-imputazjoni ma gietx ippruvata.

(i) *Ksur tar-Regolamenti 61 u 68 tal-Avviz Legali 128/1994 mahrug taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta (L.S. 65.11)*

Ir-Regolament 61 kif kien fis-sehh fiz-zmien tal-incident – qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 414/2007[15] – kien jippreskrivi li l-ebda vettura ma setghet tidhol il-Belt minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. La darba, gie ippruvat li l-vann in kwistjoni kien skrappjat, m'hemmx dubbju li ma kellux licenzja biex jidhol il-Belt. Ghalhekk din l-imputazzjoni giet ippruvata.

Ir-Regolament 68 jippreskrivi *inter alia* li kull min isuq vettura bil-mutur *"ma ghandux ihalli il-vettura bil-mutur wehidha bla ma jiehu prekawzjoni xierqa biex ma tigix imcaqalqa sakemm idum nieqes jew ihalli l-vettura bil-mutur wieqfa fi triq jew li tkun immaneggjata b'mod li tkun ta' xkiel bla bzonn jew ta' inkonvenjent ghall-pubbliku."* Mill-fatti suesposti ma hemmx dubbju li meta l-imputat abbanduna l-vann f'bieb il-Belt, huwa kiser dan ir-regolament, u ghalhekk din l-imputazzjoni giet ukoll ippruvata.

(j) *Il-kontravenzjoni li kiser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku*

Ghalkemm gie ppruvat li kien jezisti ftehim verbali bejn FKNK u l-Pulizija li ma jintuzawx vetturi f'din il-protesta, minn imkien ma jirrizulta li dan il-ftehim verbali gie komunikat lill-pubbliku – tant li apparti l-imputat, kien hemm vetturi ohra qed jippruvaw jidhlu l-Belt. Certament ma giex ppruvat li l-imputat kien konsapevoli ta' dan il-ftehim. Meta ntalab mill-Assistent Kummissarju biex jieqaf isuq, l-imputat waqaf, u mill-provi jirrizulta li huwa nizel mill-van bil-kwiet u telaq 'l hemm. Fil-fatt ma jirrizulta li kellem lil hadd waqt dak l-incident.

---

[15] Ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Dicembru 2007.

Konsegwentement ma jistghax jinghad li din il-kontravvenzjoni giet ppruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Fl-istess hin, din il-Qorti ma tistghax tinjora r-riskju li l-imputat ha li jsuq vann skrappjat, u konsegwentement minghajr licenzja tal-pulizija, kif ukoll li ma kienx assigurat. Il-Qorti lanqas tista' tinjora l-agir irresponsabbli tieghu, meta abbanduna l-van f'nofs ta' triq, minghajr ma ha l-ebda prekawzjoni biex dan ma jigix imcaqlaq kif fil-fatt gara, u l-konsegwenzi ta' dan l-agir setghu kienu gravi hafna.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputat hati li kiser l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 limitatament in kwantu saq vettura minghajr licenzja u talli kiser ir-regolamenti 61 u 68 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 mahrug taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara li rat l-artikoli u r-regolamenti imsemmija;
2. ma ssibux hati tar-rimanenti reati kontemplati fl-Artikoli imsemmija fin-nota tar-rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat-12 ta' Novembru 2007, u qed tilliberah minnhom;
3. tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' multa ta' tlett elef Euro (€3,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u tmenin Euro (€85.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-2 ta' Dicembru 2016, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

4. Inoltre, il-Qorti tordna li l-hati jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.
5. Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-vann in kwistjoni favur il-Gvern ta' Malta.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**